# Is-Surmast Dominic Darmanin

## *25 sena Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan*

**John Camilleri**



Is-sena 2018 hija importanti kemm għas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan kif ukoll għas-Surmast Direttur Dominic Darmanin. L-avveniment importanti huwa dak tal-25 sena minn mindu Dominic Darmanin ħa d-direzzjoni tal-Banda San Sebastjan.

Kienu 25 sena mimlija suċċessi sew għal Dominic Darmanin kif ukoll għas-Soċjetà Filarmonika Pinto u l-Banda San Sebastjan. Għalhekk ħassejt li dan il-mument għandu jkun rekordjat bħala tifkira tas-Surmast Dominic Darmanin li sar l-aktar Surmast li dam jidderieġi din il-Banda.



Fl-età tenera ta' sittax-il sena kien beda jiġi jdoqq mal-Banda Pinto bħala bandist barrani. Beda taħt id-direzzjoni tas-Surmastrijiet Mro. Anthony Chircop, Mro. Henry Camilleri u wara Mro. George Debono. Kien fl-1988 meta kien avviċinat biex jibda jgħallem mas-Soċjetà Pinto. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħu li jkun parti mid-direzzjoni ta' Banda. Mà damx ħafna, li wara r-riżenja tas-Surmast John Zammit minn Assistent Surmast tal-Banda Pinto, Dominic Darmanin ħa din il-kariga.

F'din il-kariga hu wera enerġija u kapaċità mużikali li aħna ma domniex ma gawdejna l-frott tagħha. Kienet fuq inizjattiva tiegħu li fl-1989, twaqqfet il-Brass Band fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Din kienet idea innovattiva li qajmet entużjażmu u ħajja fost il-bandisti.

Fost l-ewwel servizzi nsibu dak li l-banda daqqet għall-ewwel darba fil-5 ta' Ġunju 1990, f'Jum is-Soċjetà, appuntament li nżamm kull sena wara din id-data. Il-Brass Band kompliet kibret u ssaħħet matul is-snin, u kienu bosta l-attivitajiet li ħadet sehem fihom

anke b'għan filantropiku. L-akbar eżekuzzjoni memorabbli li għamlet il-Pinto Brass Band kien il-Kunċert li għamlet fis-sala tal-Konferenzi fil-Belt Valletta b'riżq il-Hospice Movement.

Bħala Assistent Surmast kien jidderieġi l-Brass Band ta' kull sena però qatt il-Banda proprja. Fil-fatt wara li ġie elett Surmast dik kienet waħda mill-affarijiet li xtaq ibiddel, dik li l-Assistent Surmast ikollu wkoll iċ-ċans li jidderieġi l-banda. L-ewwel darba li dderieġa l-Banda Pinto kienet proprju magħmudija tan-nar għalih. Kien l-ewwel kunċert sinfoniku li għamlet din is-Soċjetà fit-Teatru Manoel fl-1994.

Kienet sena speċjali iktar għall-fatt illi idderieġa l-Banda San Sebastjan fl-ewwel Kunċert Sinfoniku fit-Teatru Manoel, fejn fost oħrajn il-banda daqqet il-famuż Te Deum ta' Joseph Magri. Kienet esperjenza kbira għalih li jidderieġi quddiem folla tant numeruża ġo dan it-teatru grandjuż mimli minn fuq s'isfel daqs bajda.

Tliet affarijiet li ma kienux jinżlulu sew kienu t-tip ta' servizzi barra Ħal Qormi li kultant jiġu aċċettati. Dominic iħoss li mxejna fid-direzzjoni t-tajba f'dan il-mod għalkemm kultant xorta ngħaġġlu meta niġu biex naċċettaw xi servizz jew ieħor.

Ħaġa oħra kienet id-dipendenza fuq il-mużiċisti tal-armata. L-armata dejjem ħarġet mużiċisti ta' ċertu livell imma kien qed ikollna diversi problemi minħabba li konna nqabbdu numru sostanzjali minn sors wieħed. Hawn ta' min jgħid li mill-1951 sakemm laħaq Surmast Direttur Dominic, il-Banda San Sebastjan kienet diretta minn tliet Surmastrijiet li kienu wkoll Surmastrijiet tal-banda tal-armata; dawn kienu Mro. Joseph Magri, Mro. Anthony Chircop u Mro. George Debono. Hekk f'perjodu ta' 42 sena, għajr għal perjodu ta' 4 snin li l-banda San Sebastjan kienet diretta mis-surmast Henry Camilleri, din kienet diretta mis-Surmastrijiet tal-banda tal-armata.

L-aħħar ħaġa li nsista fuqha wkoll, kienet li t-trufijiet jinżammu minn bandisti tal-post dejjem jekk ikun hemm min jipprometti. Kien f'dan iż-żmien ukoll li beda jikkomponi siltiet iktar serji minn marċi. L-ewwel silta kienet Bells of St.Sebastian u wara din ġew Arrows from Heaven, Città Pinto u Nawfraġju, kif ukoll Pinto Brass. Ikkompona diversi marċi brijużi, bl-iktar popolari jkunu Sempre Forte, Green Empire, BANZ, Casa Nostra, kif ukoll marċi funebri bħal Desolata, Carissimi u Bidora.

Dħalna bil-Banda f'diversi teatri oħra apparti dak tal-Manoel bħall-Istitut Kattoliku, Sir Temi Zammit fl-Università u s-Sala tal-Konferenzi ġewwa l-Belt Valletta. Ta' kull sena konna naħsbu li ma nistgħux nagħmlu aħjar, però tara kif sena wara oħra dejjem ngħollu l-livell tal-banda kif juri l-aħħar avveniment li sar ġo Dar il-Mediterran, fejn daqqejna l-Oratorju Sebastianus Christianus, illi għal Dominic kien l-iktar avveniment mużikali ta' livell għoli li kellha s-Soċjetà Filarmonika Banda San Sebastjan ... s'issa.

Anki fil-ksib personali tiegħu, kienu ħbieb fi ħdan is-Soċjetà, li ħeġġewh ikompli jistudja u jakkwista aktar diplomi fil-mużika. Mat-twelid ta' uliedu, sab familja oħra ma' min jaqsam il-ferħ tiegħu. Però, kien hemm ukoll żmien ta' niket, dan l-aktar meta persuni li tkun ħdimt magħhom mill-qrib, kemm bħala kumitat, kif ukoll bħala bandisti u li mal-medda taż-żmien ikunu saru ħbieb sew tiegħek, imbagħad isejħilhom il-Mulej.

Minn dak iż-żmien sal-lum għaddew 25 sena. Dawn kienu snin mimlija suċċessi mużikali

għas-Surmast Dominic Darmanin u l-Banda San Sebastjan. L-entużjażmu u l-kapaċitajiet mużikali żgur li wasluh fuq l-ogħla pedestall. Żgur li dawn kienu 25 sena ta' suċċessi għas-Soċjetà Filarmonika Pinto filwaqt li wasslu lill-Banda San Sebastjan fil-quċċata ta' kull aspettattiva għall-baned Maltin. Kien fis-sena 2013 meta s-Surmast Dominic Darmanin sar ukoll l-iktar Surmast li dam fid-direzzjoni tal-Banda tas-Soċjetà, meta għalaq 20 sena Surmast.

Il-memorji mhumiex biss fuq livell mużikali, imma ukoll dawk speċjali, bħal kemm-il darba ċċelebra l-Ewwel tas-Sena ma' tal-każin. Ikliet informali, ħarġiet fis-sajf lejn Kemmuna jew Għawdex, barbikjuws, sparaturi u logħob. Kulħadd jaf kemm hu ferventi għat-timijiet tal-futbol li jżomm magħhom. Il-ħajja tiegħu ġo din is-Soċjetà mill-ewwel snin dehret li ma kinitx se tkun biss mill-att mużikali imma wkoll li jidħol fil-qalba ta' din is-Soċjetà. "Tal-Qalba huma n-nies li jagħmluha u jaħdmu fiha" għax jemmen li hekk biss wieħed jista' jagħti l-massimu li għandu x'joffri. U b'hekk tkompli din ir-relazzjoni ta' imħabba bejnu u bejn il-Banda San Sebastjan.

Fi kliem Dominic, fis-sena 2013 kien iħossu wieħed mill-qodma, għaliex wara kollox kien ilu kważi 36 sena f'ħoġor din is-Soċjetà. Qabel ma sar Surmast Direttur kien ukoll Assistent Surmast għal 6 snin, barra li kien ukoll jiġi jdoqq bħala bandist barrani xi 10 snin qabel. U għaldaqstant jekk tgħodd kollox s-Surmast Darmanin dik is-sena kellu konnessjoni ta' 36 sena mas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.

**Ċelebrazzjoni tal-20 sena bħala Surmast**

Is-sena 2013 kienet sena speċjali għas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u s-Surmast Dominic Darmanin. Dominic għalaq 20 sena Surmast tal-Banda San Sebastjan u b'hekk sar l-aktar Surmast li dam fid-direzzjoni tal-banda tas-Soċjetà. Is-Surmast li kien dam l-aktar fid-direzzjoni tal-Banda San Sebastjan kien is-Surmast Joseph Magri li kien għamel ftit inqas min għoxrin sena mill-1951 sal-1969.

Għal din l-okkażjoni s-Soċjetà ħadet ħsieb tiċċelebra dan l-avveniment billi l-ewwel għamlet Mass Band waqt l-avveniment ta' Lejl f'Casal Fornaro bejn il-baned li kellu konnessjoni magħhom is-Surmast Dominic Darmanin. Fl-aħħar ta' dan il-marċ id-ditta Maypole ħasbet biex għal din l-okkażjoni tagħmel kejk kbir li kien maqsum mis-Surmast Dominic Darmanin.

**Kompożizzjonijiet tas-Surmast Dominic Darmanin**

Minn mindu kellu 18-il sena s-Surmast Dominic Darmanin beda jikteb kompożizzjonijiet u l-ewwel marċ li kiteb kien jismu 'Jaydee'. Minn dak iż-żmien 'l hawn kiteb numru sabiħ ta' marċi brijużi, marċi funebri, innijiet, siltiet klassiċi u leġġeri.

L-ewwel kompożizzjoni klassika li kkompona Dominic kienet 'Bells of St.Sebastian' li hija Suite għall-Banda. Fl-okkażjoni tal-qniepen ġodda fil-Parroċċa San Sebastjan kien ikkummissjonat biex jikteb din il-biċċa mużika. Kienet indaqqet fil-kunċert li kien sar quddiem il-knisja bil-qniepen kollha sfilati wara l-banda.

Kiteb ukoll 'Città Pinto – (Altior ab Imo) li ndaqqet fl-Istitut Kattoliku fil-Furjana,

f'wieħed mill-Kunċerti Sinfoniċi li għamlet il-Banda Pinto fis-sena 2005, silta li tiddeskrivi l-ħajja ta' kuljum f'Ħal Qormi. Kien hemm ukoll is-silta 'Arrows from Heaven' li kienet ispirata fl-għeluq tal-100 sena tal-Innu l-Kbir lil San Sebastjan.

Is-Sigla tal-Brass Band ukoll kienet kompożizzjoni tiegħu bl-isem 'Pinto Brass'. Kompożizzjoni oħra li ma kellhiex konnessjoni diretta mal-Banda Pinto imma li ndaqqet għall-ewwel darba minn din il-banda kienet 'Nawfraġju' miktuba fis-Sena Pawlina xi ftit snin ilu.

Għall-Banda San Sebastjan is-Surmast Dominic Darmanin kiteb ukoll numru sabiħ ta' marċi fosthom:- Innu Marcia 1862, L-Ewwel Banda Qormija, Il-Kappillan il-ġdid, Albinu, Bastjan 25 sena President, Tal-Ġenn Man, Giochi di Fuoco, Gemini, BANZ, Tal-Għawdxi, Casal Fornaro, Green Empire, Casa Nostra u Sempre Forte.

Kif jistqarr l-istess Surmast l-aktar marċ għal qalbu huwa 'Sempre Forte'. Fost il-marċi funebri hemm 'Desolata' u 'Bidora'. Bħala silta, għalkemm mhix klassika, il-favorita hi 'Pinto Brass' għax ħajja u tindaqq kull sena. Hawn wieħed ma jistax ma jsemmix il-marċi 'Sempre Forte' u 'Casa Nostra' li s-Surmast Dominic Darmanin irregala lis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan biex ikunu esklussivament proprjetà tas-Soċjetà fis-snin 2002 u 2013 rispettivament.

Dwar il-marċ Sempre Forte Dominic qal li, "*kien rigal mingħandi għal din is-Soċjetà. Minn qalbi għal tal-Qalba. Naf illi wara ħajti f'din id-dinja se jibqa' xi ħaġa għażiża minni f'qalb il-Bastjaniżi. Issa li ili 20 sena Surmast, li b'kumbinazzjoni wkoll jagħmilni l-iktar Surmast Direttur li żammejt din il-kariga mal-Banda Pinto, it-targa li jmiss tkun, li nilħaq il-ġublew tal-fidda, jiġifieri 25 sena u forsi min jaf, nikteb xi marċ ieħor bħas-Sempre Forte, li tant huwa maħbub mal-partitarji u li huwa l-għożża tagħna biss.*"

**Mużika rrekordjata diretta minn Dominic Darmanin**

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dominic Darmanin is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan kompliet tagħmel *recordings* mużikali:
1995 - 'Tifkira nru 7'
1997 - 'Tifkira nru 8'
1997 - Sett Innijiet
1999 - 'Tifkira nru 9'.

Fis-sena 2000 ġiet irrekordjata l-ewwel CD f'isem is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. CD mimlija marċi taħt l-isem Tal-Qalba Briju maż-Żmien. F'din is-sena ukoll ġiet irrekordjata CD ta' Marċi Funebri.

Fl-2002 sar *video recording* tal-Programm Mużikali Kommemorattiv li kien ittella' fl-Awditorium Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta. Dan il-programm mużikali kien sar biex ifakkar il-140 sena Anniversarju ta' erba' baned. Dawn kienu:

- Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan
- Banda San Ġorġ ta' Bormla
- Banda Peace tan-Naxxar
- Banda Annunzjata ta' Ħal Tarxien

Fis-sena 2002 sar ukoll *recording* tas-CD – Dejjem Qawwija - Sett marċi brijużi biex jitfakkar il-140 anniversarju mit-twaqqif ta' din is-Soċjetà. Fis-sena 2007 ħarġet *double* CD oħra 'Imberkin Missirijietna', CD minnhom kienet bil-marċi u l-oħra bl-innijiet. Fl-2011 ħareġ *triple album* 'Popule Meus' li kien fih żewġ CDs ta' Marċi Funebri u CD oħra ta' Valzi. Fl-2012 ħarġet CD oħra biex jitfakkar 'Ġieħ l-Imgħoddi'. Din kienet ukoll parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 anniversarju. Din is-sena ukoll inkitbet paġna oħra fl-istorja tas-Soċjetà, meta ġie mtella' l-Oratorju *Sebastianus Christianus* li tiegħu ġew irrekordjati CD u DVD. Fis-sena 2015 is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan ħarġet CD oħra – 'Fil-Qalba ta' Beltna'.

Din is-sena ħarġet l-aħħar CD li kienet *double* CD, waħda ta' Marċi Funebri u l-oħra ta' Marċi Brijużi. Dawn huma kollha kompożizzjonijiet tas-Surmast Dominic Darmanin u l-irrekordjar sar bi ftehim bejn is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u s-Società Filarmonica Nazionale La Valette.

**Bandisti li ħarġu jdoqqu mal-Banda San Sebastjan taħt Dominic Darmanin**

Meta Dominic Darmanin kellu l-kariga ta' Assistent Surmast, kienu ħarġu 14-il bandist idoqqu mal-banda. Minn meta Dominic Darmanin laħaq Surmast tal-Banda San Sebastjan fl-1993 sas-sena 2017, ħarġu 77 bandist.



*Is-Surmast Dominic Darmanin mal-Assistenti Surmastrijiet u l-Banda San Sebastjan*

**Il-Banda San Sebastjan taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dominic Darmanin**

Wara li laħaq Assistent Surmast mas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan fl-1993, huwa waqqaf il-Pinto Brass Band. Illum nistgħu naraw kemm dan kien pass għaqli u llum din il-Brass Band għalqet 28 sena u kienet dejjem ħajja u attiva matul dan il-perjodu ta' żmien.

L-ewwel impenn tagħha kien fl-1990 meta daqqet fil-programm tal-5 ta' Ġunju ta' Jum is-Soċjetà. Dan il-programm baqa' avveniment annwali għal Pinto Brass Band. Fl-ewwel snin ta' dan il-programm kienet tindaqq is-silta *Anniversary Waltz* sakemm fis-sena 2000 is-Surmast Dominic Darmanin ikkompona s-silta Pinto Brass li kienet is-sigla ta' din il-Brass Band.

Barra dan il-programm, il-Brass Band kellha wkoll avvenimenti oħra importanti:

1993 sehem fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta.
1994 Maratona għand iċ-Ċaċċu Klabb b'riżq il-*Cash for Cancer*.
1996 Maratona għand iċ-Ċaċċu Klabb.
Ftuħ tal-Fiera Internazzjonali ta' Malta.
1999 Attività organizzata mill-*Vittoriosa Lawn Tennis*.
2000 Ftuħ tat-Tribuna Pinto.
Kampanja Jien Għalik b'risq il-*Life for Cycle*.
Programm fuq it-televixin dwar il-Festi.
2003 Programm f'Dar il-Mediterran mill-*Lions Club* b'riżq l-*Eden Foundation*.
2006 *Qormi Bread Festival*.
Kxif tal-lapida li tfakkar il-Qriema li mietu fil-gwerra u l-inawgurazzjoni tal-ġnien fi Triq Manwel Dimech.
2007 Ftuħ mill-ġdid ta' Ġnien l-Armier.
2010 Il-Pinto Brass Band daqqet ġewwa l-Barrakka t'isfel il-Belt Valletta fuq stedina mill-Għaqda Pawlini tal-Belt.
Is-sehem tal-Pinto Brass Band waqt attività tal-konferenza kbira Svediża *Oriflame* ġewwa Paceville.
Programm fil-Każin tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette fl-okkażjoni tal-għeluq tal-festi Ċentinarji Pawlini.
2011 Il-Pinto Brass Band tieħu sehem fil-*Qormi Summer Music Festival*.
2012 Il-Pinto Brass Band mistiedna għall-ftuħ uffiċjali tal-Fabbrika l-ġdida tal-Kumpanija *Maypole*.
2013 *Let's Go Green* - Serata Mużikali u Festiva.
2014 *Let's Go Green* - Serata Mużikali u Festiva.
2015 *Let's Go Green* - Serata Mużikali u Festiva.
2016 *Let's Go Green* - Serata Mużikali u Festiva.
2017 Kunċert mużikali mill-Pinto Brass Band fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-martirju tal-Appostlu Missierna San Pawl il-Belt Valletta.

Fis-sena 2007 kienet iffurmat il-*Pinto Ensemble* magħmula min-numru ta' bandisti tal-post flimkien mas-Surmast u għamlu programm fil-każin waqt attività organizzata mill-Għaqda Kittieba Qormin f'ġieħ Ġużè Muscat Azzopardi.

**Assistenti Surmastrijiet matul dawn il-25 sena**

Minn meta laħaq Surmast fis-sena 1993 Dominic Darmanin kellu l-assistenza ta' dawn is-Surmastrijiet:

1993 - 1996 James Chappell
1996 - Roderick Bugeja
1996 - 2006 Marco Mifsud
2006 - 2016 Philip Fenech
2017 - Michael Bonanno

**It-tagħlim tal-Mużika**

Wara li fis-sena 1993 kien sar l-ewwel seminar għall-bandisti fil-Kulleġġ De La Salle, is-Soċjetà Filarmonika Pinto kompliet miexja fuq l-istess linji biex tkompli t-tkabbir tat-tagħlim tal-mużika. Għalhekk il-kumitati komplew jorganizzaw aktar seminars:

17-04-1994 Seminar fil-Whiterock Holiday Complex.
26-03-1995 Seminar fil-Whiterock Holiday Complex.
14-04-1996 Seminar fil-Whiterock Holiday Complex.
04-05-1997 Seminar fil-Whiterock Holiday Complex.
31-03-2006 Seminar fil-Kulleġġ De La Salle.

Matul dawn l-aħħar snin ġew organizzati ukoll live-in weekends għall-bandisti.

Is-sena 2015 kienet sena importanti għas-Soċjetà Filarmonika Pinto meta f'Ġunju kienet inawgurat l-Akkademja Mużikali Pinto biex it-tagħlim fi ħdan is-Soċjetà jkun f'post allokat apposta għat-tagħlim. Dan filwaqt li t-tagħlim isir aktar b'mod professjonali u barra l-prattika tal-istrument tidħol ukoll it-teorija.

**Programmi, Kunċerti Sinfoniċi u l-Oratorju Sebastianus Christanius**

Matul dawn il-ħamsa u għoxrin sena li l-Banda San Sebastjan kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dominic Darmanin, is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan organizzat numru sabiħ ta' Kunċerti Sinfoniċi, Programmi Speċjali u l-akbar avveniment fl-istorja tagħha l-Oratorju *Sebastianus Christianus*.

1994 - Kunċert Sinfoniku
1995 - Kunċert Sinfoniku
1996 - Kunċert Sinfoniku
1998 - Kunċert tal-Qniepen fuq iz-zuntier tal-Knisja
1999 - Kunċert Sinfoniku
2002 - Is-Sena 2002 kienet is-sena li fiha erba' baned kienu qed jiċċelebraw il-140 anniversarju mit-twaqqif tagħhom. Dawn kienu:

Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan
Annunzjata ta' Ħal Tarxien
Peace tan-Naxxar
San Ġorġ ta' Bormla

Għal din l-okkażjoni fit-13 t'April 2002, dawn il-baned tellgħu flimkien Programm Mużikali Kommemorattiv fis-sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta.

2002 - Kunċert Sinfoniku
2003 - Kunċert Sinfoniku

2005 - Kunċert Sinfoniku
2005 - Kunċert Sinfoniku bis-sehem tat-tliet baned Qormin.
2009 - Kunċert Sinfoniku

Is-sena 2012 kienet taħbat is-sena li fiha s-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan iċċelebrat il-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Kienet sena verament impenjattiva għall-Banda. Għal din is-sena ġie imtella' programm speċjali ta' Riflessi minflok il-Kunċert Sinfoniku tas-soltu. Dan il-Programm Mużikali bl-isem *Tifkira* sar fl-4 ta' Marzu b'tifkira tal-150 sena u kien b'dedika lil dawk kollha li ħadmu biex din is-Soċjetà tikber u tibqa' ħajja.

F'Ottubru ta' din is-sena s-Soċjetà Filarmonika Pinto u l-Banda San Sebastjan laħqet il-quċċata meta tellgħet l-Oratorju *Sebastianus Christianus*.
2015 - Il-kunċert *Il-Wegħda tal-Qriema*, fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira.

Ma' dawn il-Programmi u l-Kunċerti Sinfoniċi, wieħed isemmi wkoll il- Programm vokali u strumentali li jittella' ta' kull sena fil-ġimgħa tal-festa ta' San Sebastjan. Ma' dawn insibu wkoll żewġ safriet li l-Banda San Sebastjan għamlet: fl-2010 f'Ċipru u fl-2012 f'Acireale u Santa Venerina fi Sqallija.

**Konklużjoni**

Matul dawn il-25 sena li ilu Surmast, Mro. Dominic Darmanin laħaq diversi Presidenti, Segretarji, Delegati tal-banda u membri tal-Kumitat kif ukoll numru kbir ta' bandisti tal-post. Lil dawn iqishom bħala parti mill-familja kbira tiegħu li dejjem sab sapport mingħandhom kemm fiż-żminijiet ta' ferħ u anke ta' niket.

Wieħed iħossu kburi meta jħares lejn dawn il-Programmi, Kunċerti Sinfoniċi u l-Oratorju li tellgħet is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Dan ix-xogħol kollu juri l-ħidma, id-determinazzjoni u d-dedikazzjoni tal-kumitati ta' din l-ewwel Banda Qormija u l-ħila li wera s-Surmast Darmanin matul dawn is-snin. Dawn żgur kienu avvenimenti li poġġew lis-Soċjetà, lill-Banda San Sebastjan kif ukoll lis-Surmast Dominic Darmanin fuq l-ogħla pedestall.


S. & T. SERVICES Ltd.
Customs Clearance, Machine Lifting & Trucking Service


Mob: +356 9942 9595
Tel: +356 2146 2210
Fax: +356 2146 1431
UNIT 25
St Bernard Street, Marsa
Email: st@maltanet.net